MCCAA

MALTA COMPETITION AND
CONSUMER AFFAIRS AUTHORITY

MIZZI HOUSE, NATIONAL ROAD,
BLATA L-BAJDA ĦMR9010,
MALTA

+356 2395 2000

5 ta' Awwissu, 2019

**AVVIŻ PUBBLIKU MAĦRUĠ MID-DIRETTUR ĠENERALI (AFFARIJIET TAL-KONSUMATUR) FI ĦDAN L-AWTORITA` TA' MALTA GĦALL-KOMPETIZZJONI U GĦALL-AFFARIJIET TAL-KONSUMATUR**

Id-Direttur Ġenerali (Affarijiet tal-Konsumatur), skont l-Artikolu 8 tal-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur (Kap. 378), qiegħda toħroġ dan l-Avviż Pubbliku li bih qed tidentifiká u tgħarraf lill-pubbliku li

**Dario Azzopardi - 3 Group**

ma onorax id-deċiżjoni mogħtija mit-Tribunal għal Talbiet tal-Konsumaturi.

Il-konsumatur kien xtara magna li tagħmel il-Bitcoins li jistgħu jissarfu fi flus. Il-magna kienet tagħmel ħafna storbju hi u taħdem u kienet taħli ħafna u ħafna dawl, tant illi minħabba l-kont għoli tad-dawl, ma kienx jagħmel sens li titħaddem il-magna. Il-konsumatur talab rifużjoni ta' €2,600 mill-kummerċjant, liema somma tirrappreżenta l-prezz li ħallas għall-magna.

It-Tribunal irrimarka li s-Sur Dario Azzopardi ma deherx għas-seduta, minkejja li kien ġie notifikat bl-Avviż tat-Talba, id-data u l-ħin tas-smigħ. Is-Sur Azzopardi lanqas ma ssottometta risposta bil-miktub għal din it-talba. Dan kien ifisser, għat-Tribunal, li ma kienx qed jikkontesta t-talba.

It-Tribunal ordna lis-Sur Azzopardi jħallas lill-konsumatur l-ammont ta' €2,000, u la darba jsir il-ħlas, il-magna ssir proprjetà tal-kummerċjant.

Josephine Borg
Direttur Ġenerali (Affarjiet tal-Konsumatur)